

# il-miġemgħa

Parroċċa Familja Mqaddsa - L-Iklin TELEFON: 21 423 003 EMAIL: parrocca.iklin@maltadiocese.org Nru 188 | Novembru 2017

**ĦSIEB GĦAL KULL ITTRA TAL-ALFABET:**

# K għall-kelma 'Komunikazzjoni'

Kien hemm tifel darba li staqsa lil missieru kemm jaqla f' siegħa xogħol u mar ifittex fil-karus biex iħallsu hu ta' dik is-siegħa ħalli jqattagħha miegħu!

Issib min jgħidlek li kulħadd sar isu l-indannat għaddej…u m'għandniex ħin għal xulxin!

Jew li kulħadd sar inieħru fil-mobile u l-facebook u l-bqija li ninsew nagħtu ħin ta' kwalita' u kwantita lil xulxin, speċjalment lil dawk li nħobbu.

Jew li tant għandna pressures u stresses ta' xogħol b'żewġ ġenituri jaħdmu u b'ġiri bit-tfal li l-ħin tal-familja trid tiġġieled għalih.

Il-kelma li minnha toħroġ 'komunikazzjoni' hija l-istess waħda li minnha toħroġ il-kelma 'komunita''.

Hija verita li l-komunikazzjoni tibni l-komunita'…u l-ewwel komunita' li fiha aħna msieħba hija l-familja.

Li nikkomunika ifisser nisma' lill-oħrajn bil-widnejn ta' qalbi. Allura li ngħin, inċedi, naħfer, nara x'inhuma l-bżonnijiet tal-oħrajn u nipprova ngħinhom.

Għax ġieli jiġri li materjalment ma' jkun jonqosna xejn, imma qalbna tkun vojta għax ħafna drabi jkunu neqsin mil-ħin…. M'hemmx ħin biex qalbna tistrieħ fil-kumpanija ta' xulxin. U nfittxu l-wens fejn m'għandniex....

Forsi hemm bżonn li nieqaf u naqsam ħsibijieti w xewqati ma' dawk ta' madwari, li nisma x'qed jippjanaw, x'qed joħolmu u x'jixtiequ, x'qed jiffrustrahom u jdejjaqhom, x'qed jurtahom u jgħejjihom.

Forsi aktar importanti li d-dar tkun ftit anqas żbarazzata milli jkollna kullimkien nadif u n-nies iħossuhom imwarrbin.

Forsi aħjar naħdmu ftit anqas u jkollna ftit anqas flus u l-membri tal-familja jħossuhom aktar kuntenti u aċċettati w milqugħin.

Ejjew nitgħallmu nisimgħu u napprezzaw lil xulxin għax sfortunatament ħafna drabi insiru nafu xi tfisser il-persuna biss meta nitilfuha….. u mbagħad jkun tard wisq!

Is-sliem u l-ħajr
Fr Keith Bonnici **KAPPILLAN**





# BUFFET FIS-SALA PARROKKJALI

Il-Ġimgħa 10 ta' Novembru fis-7.00 pm

*Starter*
*Għażla t'għaġin*
*Buffet: ħut – tiġieġ – majjal – ħaxix – patata*
*Diżerta*

*€12 kbar*
*€7 tfal taħt 12-il sena*

*Narawkom ħbieb!*

## LAQGĦAT TAŻ-ŻAK

| | | |
|---|---|---|
| Grupp 17+ | L-Erbgħa fis-7:30 pm | Sala ta' isfel |
| Grupp li twieldu fl-2002 | It-Tlieta fil-5:30 pm | Katekiżmu 1 |
| Grupp li twieldu fl-2003 | It-Tnejn fis-6:00 pm | Sala ta' isfel |
| Grupp li twieldu fl-2004 | It-Tnejn fil-5:45 pm | Katekiżmu 1 |
| Grupp li twieldu fl-2005 | L-Erbgħa fis-6:00 pm | Sala ta' isfel |

## Nirringrazzjw lil Dun Pawl Camilleri

Dun Pawl Camilleri, għal raġunijiet ta' saħħa, talab li jieqaf iqaddes il-quddiesa tas-6.15 pm matul il-Ġimgħa, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mit-2 ta' Jannar li ġej. B'direttiva tal-Kurja, dan ifisser li mit-2 ta' Jannar 2018 ser ikollna nnaqqsu quddiesa mit-tlieta li jsiru nhar ta' xogħol. Nirringrazzja ħafna lil Dun Pawl u l-Monsinjur Vella tas-servizz tagħhom fl-eta ta' ftit anqas minn 75. Qed nilqa' opinjonijiet minngħandkom sas-6 ta' Novembru 2017 dwar liema quddies pastoralment l-aħjar li nħallu. Imbagħad naraw x'servizz ta' quddies matul il-ġimgħa nistgħu noffru bir-riżorsi li għandna.

– Fr Keith

# KALENDARJU
# TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL



Il-Ħamis 2 ta' Novembru 2017 – Ma jkunx hawn Katekiżmu għat-tfal. Ħarġa għat-tfal.

Il-Ħadd 5 ta' Novembru 2017
09.45 am - 12.00 pm - 12.00 pm Seminar għat-tfal u l-ġenituri KOLLHA tas-Sitt Sena.
11.15 am - Quddiesa bil-parteċipazzjoni tat-tfal tas-Sitt Sena u bl-impenn tal-ġenituri tagħhom qabel jirċievu il-Griżma tal-Isqof. Torganizza l-Kummissjoni Tfal.

It-Tnejn 6 ta' Novembru 2017 4.30 pm - Jerġa' jibda' l-Katekiżmu għat-tfal.

Il-Ħadd 19 ta' Novembru 09.45 am - 12.00 pm - 12.00 pm Seminar għat-tfal u l-ġenituri KOLLHA tat-Tieni u t-Tielet Sena

11.15 am - Quddiesa bil-parteċipazzjoni tat-tfal tat-Tieni u t-Tielet Sena. Jieħdu ħsieb it-tfal tat-Tielet Sena ta' Ms Christina u Ms Graziella.

Il-Ħadd 3 ta' Diċembru 2017
09.45 am - 12.00 pm - 12.00 pm Seminar għat-tfal u l-ġenituri KOLLHA tar-Raba' u Ħames Sena

11.15 am - Quddiesa bil-parteċipazzjoni tat-tfal tar-Raba' u Ħames Sena. Jieħdu ħsieb it-tfal tal-Ħames Sena (ta' Miss Censina). Torganizza l-Kummissjoni Tfal.

It-Tnejn 4 ta' Diċembru 2017 4.30 pm – Rit Penitenzjali tal-Avvent organizzat mill-Kummissjoni Tfal għat-2, 3 u 4 Sena.

Il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2017 4.30 pm – Rit Penitenzjali tal-Avvent organizzat mill-Kummissjoni Tfal għal-5 u 6 Sena.

# PROGRAMM GĦAX-XAHAR TA' NOVEMBRU

| | | |
|---|---|---|
| L-Erbgħa 1 | Solennità tal-Qaddisin kollha<br>Quddies: 6.45am, 8.30am u fis-6.15 pm |
| Il-Ħamis 2 | L-Għid tal-Imwiet<br>Quddies: 6.45am, 8.30am u fis-6.15 pm |
| Il-Ħadd 5 | It-31 Ħadd taż-Żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u 6.00pm |
| Il-Ħamis 9 | Festa tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran<br>Quddies: 6.45am, 8.30am u fis-6.15 pm |
| Il-Ħadd 12 | It-32 Ħadd taż-Żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00, 11.15 u fis-6.00pm |
| Il-Ħadd 19 | It-33 Ħadd taż-Żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u fis-6.00 pm |
| Il-Ħadd 26 | Solennità ta' Sidna Gesu' Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu.<br>Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u fis-6.00pm |
| Il-Ħamis 30 | Festa ta' Sant'Andrija, appostlu<br>Quddies: 6.45am, 8.30am u fis-6.15 pm |

Parroċċa Familja Mqaddsa, Pjazza Ninu Cremona, l-Iklin, IKL1302 TELEFON: 21 423 003 EMAIL: parrocca.iklin@maltadiocese.org www.parroccaiklin.com

## Ħinijiet tal-Quddies

**MIT-TNEJN SAL-ĠIMGĦA**
6.45am; 8.30am; 6.15pm

**NHAR TA' SIBT**
6.45am; 8.30am; 6.00pm; 7.45pm

**NHAR TA' ĦADD**
8.30am; 10.00am; 11.15am; 6.00pm

Qrar qabel kull quddiesa.
Rużarju kuljum għoxrin minuta qabel il-quddiesa ta' filgħaxija.

## Appuntamenti oħra

**SALMI TA' TIFĦIR TA' SBIEĦ IL-JUM**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.15am

**ĦIN TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL**
It-Tnejn u l-Ħamis bejn l-4:30 u l-5:15pm fil-ġranet tal-iskejjel tal-Istat.

**ADORAZZJONI TAS-SAGRAMENT**
Il-Knisja tkun miftuħa għall-Adorazzjoni tas-Sagrament Imqaddes kuljum mid-9:00am sal-11:00am u mill-4:00pm sas-7:30pm.

**ADORAZZJONI EWKARISTIKA**
Il-Ġimgħa wara l-Quddies ta' filgħaxija.

**TQARBIN TAL-MORDA**
It-Tlieta u l-Ġimgħa wara l-quddiesa tat-8:30am.

**ŻJAJJAR FL-ISPTAR**
Jekk xi ħadd ikun l-isptar ikkuntattjawna fuq 7997 2444 biex immorru nżuruh.

**VIA SAGRA**
kull nhar ta' Ġimgħa wara l-quddiesa tat-8:30am.

## Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali

**KAPPILLAN**
Is-Sibt 07:10 am sa 10.30 am

**SEGRETERIJA**

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | 5:00 - 7:00 pm |
| L-Ebgħa | 6:00 - 8:00 pm |
| Il-Ħamis | 9:00 - 11:00 am |
| Is-Sibt | 9:00 - 11:00 am |

## Kuntatti

**DUN KEITH BONNICI** 79972444
**DUN PAWL CAMILLERI** 21223896
**MONSINJUR ANTON VELLA** 79289656

Parroċċa
**Familja Mqaddsa**
L-IKLIN